



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10368/1/19
REV 1

AGRI 306
VETER 36

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9571/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijosigurtà, kunċett ġenerali b'approċċ unitarju għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-UE - <i>konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Ġunju 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, adottati mill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-18 ta' Ġunju 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-bijosigurtà, kunċett ġenerali b'approċċ unitarju
għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) IFAKKAR li tifqigħat ta' mard trasmissibbli tal-annimali jista' jkollhom konsegwenzi ekonomiċi u soċjali severi ħafna li, minbarra li jxekklu l-agrikoltura u l-kummerċ, ta' spiss jaffettwaw ukoll setturi oħra bħat-turiżmu. Dan huwa partikolarment minnu għal mard transkonfinali tal-annimali (TADs), bħall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer, li għandhom il-potenzjal li jinfirxu b'mod mgħaġġel ħafna, irrISPETTIVAMENT mill-fruntieri nazzjonali, u li, fil-każ ta' TADs zoonotiċi bħal ċerti tipi ta' influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja, jistgħu jkunu wkoll ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.
- (2) JINNOTA li sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-konsegwenzi negattivi tat-TADs, għandhom isiru l-isforzi kollha għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-UE jew, fil-każ ta' TADs diġà preżenti, biex jiġi evitat it-tixrid tagħhom u jinqerdu.
- (3) Sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet, JENFASIZZA BIS-SĦIĦ ir-rwol ewlieni tal-bijosigurtà, li għandu jitqies mhux biss bħala l-ġestjoni konkreta u l-miżuri fiżiċi mfassla biex jitnaqqas ir-riskju tat-TADs fil-livell tal-azjendi agrikoli, iżda wkoll bħala kunċett usa', bħala approċċ strateġiku u olistiku għall-immaniġġjar tar-riskji rilevanti.
- (4) JAPPREZZA FERM ix-xogħol li ilu għaddej b'suċċess tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex jiġġieldu t-TADs.

- (5) JINNOTA bi tħassib, madankollu, li minkejja l-isforzi kollha, il-preżenza tat-TADs f'pajjiżi terzi ġirien u f'territorji tal-imsieħba kummerċjali tal-UE tirrappreżenta riskju kostanti li jidhru jew jergġu jidhru fl-Istati Membri, u għalhekk JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal viġilanza u sforzi kontinwi u mmirati sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' protezzjoni.
- (6) Konsegwentement, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata kapaċità ta' protezzjoni suffiċjenti kontra t-TADs fil-punti rilevanti tad-dħul ta' annimali u merkanzija fl-UE.
- (7) JINNOTA li t-TADs mhux biss jistgħu jiġu introdotti u mxerrda permezz tal-moviment tal-annimali, iżda wkoll permezz ta' oġġetti infettati jew mezzi ta' trasport, anke fuq distanzi twal.
- (8) IFAKKAR fir-responsabbiltà tal-operaturi kollha u l-professjonisti tal-annimali, inkluż it-trasportaturi, biex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tat-TADs permezz tal-attivitajiet tagħhom u JISSOTTOLINJA, b'mod partikolari, ir-responsabbiltà primarja tal-operaturi biex iwettqu miżuri ta' bijosigurtà.
- (9) IFAKKAR li ħafna TADs jaffettwaw ukoll popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi, u li atturi bħal kaċċaturi, dawk li josservaw l-għasafar u organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-foresti u l-protezzjoni tan-natura jistgħu għalhekk jaqdu irwol importanti ħafna biex jidentifikawhom u jikkontrollawhom.
- (10) JENFASIZZA l-ħtieġa għal kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha, pubbliċi jew privati.

- (11) Għar-raġunijiet t'hawn fuq, JISĦAQ fuq l-importanza ta' approċċ integrat għall-bijosigurtà u tal-involviment u l-kooperazzjoni tas-setturi rilevanti kollha.
- (12) JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-pubbliku ġenerali jiġu edukati sabiex isiru konxji tar-riskji tat-tixrid tat-TADs bl-attivitajiet tagħhom, u biex dawn jitħeġġu jadottaw attitudnijiet u mġiba li jnaqqsu daww ir-riskji.
- (13) IFAKKAR fl-importanza ta' kunċett integrat ta' bijosigurtà li jipproteġi kontra t-TADs għas-soċjetà kollha u JIRRIKONOXXI li hemm il-ħtieġa għal riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jiġi żgurat li dan ikun jista' jiffunzjona kif suppost u b'mod effiċjenti, peress li huwa aħjar li wieħed jinvesti fil-prevenzjoni milli fil-kura.
- (14) JILQA' u JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni u s-solidarjetà kontinwi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, filwaqt li jfakkar li l-intensità tal-pressjoni ta' infezzjoni fuq Membri Stati differenti mhix dejjem l-istess, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom u fatturi oħra, iżda li prevenzjoni effettiva u kontroll tat-TADs huma dejjem fl-interess tal-UE kollha kemm hi.

JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex:

- (15) JINKORAĠĠIXXU U JIFFAĊILITAW il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tas-setturi rilevanti kollha biex jiġu pprevenuti l-introduzzjoni u t-tixrid tat-TADs fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom, sabiex jissaħħaħ approċċ intersettorjali u integrat għall-bijosigurtà;
- (16) JIŻGURAW kapaċità ta' bijosigurtà suffiċjenti fil-livell nazzjonali u dak tal-UE;
- (17) JINKORAĠĠIXXU U JAPPOĠĠAW il-ġbir, il-kompilazzjoni u l-kondiviżjoni ta' data epidemjoloġika essenzjali dwar it-TADs bil-għan li jiġu identifikati perkorsi ta' introduzzjoni u tixrid ta' TADs u biex jittejbu l-modi għall-qerda u l-evitar tagħhom.
- (18) JIDENTIFIKAW U JAPPOĠĠAW modi xierqa biex jitnaqqas ir-riskju fit-tul ikkawżat mill-fattur uman, inkluż bi gwida xierqa ta' komunikazzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni immirati lejn il-partijiet ikkonċernati kollha (professjonisti, vjaġġaturi, kaċċaturi, konsumaturi) u l-pubbliku ġenerali;
- (19) JIDENTIFIKAW U JQIEGĦDU GĦAD-DISPOŻIZZJONI inċentivi u riżorsi finanzjarji sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-elementi u l-attivitajiet essenzjali ta' kunċett integrat ta' bijosigurtà stabbilit fil-livell nazzjonali u tal-UE.